**– RIFUZJONI TA' AMMONT IMHALLAS MILL-ATTUR *UNDER PROTEST* –**
**– TERMINI INGUSTI FI FTEHIM MA' KONSUMATUR –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
(PROCEDURA EWROPEA GHAL TALBIET ZGHAR)

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2020**

Numru tal-Kawza: **1/2017**

**JANEZ KLOBČAR**

***VERSUS***

**GOLDCAR SPAIN S.L., CHRISTIAN BORG F'ISMU PROPRJU KIF UKOLL EZERCENTI FIL-KUMMERC BL-ISEM "GOLDCAR MALTA" JEW "GOLDCAR GUDJA" JEW "GOLDCAR RENTAL MALTA" U RAYMOND BEZZINA F'ISMU PROPRJU KIF UKOLL EZERCENTI FIL-KUMMERC BL-ISEM "GOLDCAR MALTA" JEW "GOLDCAR GUDJA" JEW "GOLDCAR RENTAL MALTA"**

It-Tribunal,

Ra t-talba (Formola A[1]) imressqa fis-16 ta' Frar, 2017 in linea mar-Regolament (UE) numru 861 ta' l-2007, permezz ta' liema l-attur talab lil dan it-Tribunal biex (a) jordna lill-konvenuti jipproducu kopji tal-ahhar tlett Vehicle Condition Reports in konnessjoni mal-Vettura fi jew qabel l-1 ta' Novembru 2016 u kopja tar-rapport tal-mekkanik u l-kont sabiex jigi stabbilit jekk id-dannu sarx lil 'undercarriage' jew lil 'underdoor panel' u sabiex jigi verifikat illi kien hemm bzonn tlett ijiem sabiex isiru t-tiswijiet neccessarji, (b) jiddikjara illi l-agir ta' Goldcar kien bi ksur tal-obbligi kuntrattwali u statutorji tieghu taht il-Ligi Maltija fil-konfront tieghu u illi Goldcar hija responsabbli ghad-danni sofferti bhala rizultat ta' dan l-agir u (c) jordna lil Goldcar tirrifondi l-ammont ta' €1,522.20c, ghar-ragunijiet

[1] Introdotta bil-lingwa Maltija, inkluz l-ispjegazzjoni tal-fatti tal-vertenza annessa ma' l-istess Formola (citata *verbatim* hawn isfel).

imfissra taht Sezzjoni 8.1 ta' l-imsemmija Formola A.[2] Il-pretiza attrici, kif artikolata fl-att promotur, qed tigi riprodotta *verbatim* hawn isfel:

> Fl-10 ta' Ottubru 2016 jiena ibbukjajt karozza tal-kiri ma Goldcar Spain SL ("Goldcar") fuq l-internet. Jien ukoll xtrajt polza tal-assigurazzjoni mal-kumpanija Axa. Fil-1 ta' Novembru 2016, wasalt Malta fl-Ajruport Internazzjoni f'Hal-Luqa u ffirmajt "Rental Car Agreement" ma' Goldcar – bin-numru ta' referenza 10605512 (ara Dokument JK1). Jien krejt Peugeot 308 Estate bil-pjanca tal-licenzja bin-numru LQZ587 ("il-Vettura") biex nuzaha matul il-btala tieghu f'Malta bejn it-2 ta' Novembru u is-6 ta' Novembru 2016. Meta mort nigbor il-Vettura rajt illi din kellha hafna girfiet u daqqiet. Jien infurmajt lir-Rapprezentant ta' Goldcar illi asigurani illi dan kien rizultat tad-deterjorament ordinarju jigifieri 'normal wear and tear'.
>
> Minhabba l-fatt illi l-kilometragg tal-Vettura kien gholi (madwar 37750 km), jien qbilt illi ftit 'wear and tear' huwa normali. Jiena gentilment iffirmajt il 'Vehicle Condition Report Form' u hadt il-Vettura. Matul il-perjodu tal-kirja, jiena soqt il-Vettura b'attenzjoni u diligenza kbira u ma kont involut fl-ebda incident.
>
> Meta rritornajt il-Vettura fis-6 ta' Novembru 2016 bejn wiehed u iehor fis-13.00, rapprezentant ta' Goldcar immedjatament allega illi jiena kkawzajt dannu lill-'undercarriage' u lil bumper ta' quddiem tal-Vettura. Jiena ikkontestajt bil-qawwa, u ghadni nikkontesta bil-qawwa dawn l-allegazzjonijiet. Fil-fatt ktibt tali kontestazzjoni fil-'Vehicle Condition Report Form' (ara Dokument JK2). Ir-rapprezentant ta' Goldcar irrifjuta illi jiddiksuti l-mertu tal-argument tieghu u enfasizza illi huwa irrelevanti jekk jien kkawzajtx id-dannu jew le, minhabba illi jiena xorta stajt nirkupra l-flus skond il-polza tal-assigurazzjoni tieghu, minghand Axa.
>
> Ir-Rapprezentant insista illi jiena kelli nhallas immedjatament EUR1522.20 bhala danni, u heddidni illi kien ser iwaqqaf lili u lill-familja tieghi milli nitilghu abbord l-ajruplan sabiex intiru lura lejn pajjizna. Jiena gentilment tlabt lir-Rapprezentant ta' Goldcar ikellem lir-Rapprezentant l-iehor illi kien inizjalment taghni l-Vettura hamest ijiem qabel u tlabtu jiccekja l-'Vehicle Condition Reports' tal-passat. Izda dan irrifjuta u spjegali illi l-unika Vehicle Condition Report relevanti f'dak l-istadju kien dak tal-ahhar. Ghal darba ohra dan ir-Rapprezentant insista illi l-innocenza tieghi kienet irrelevanti, ghaliex jiena stajt nitlob kumpens minghand il-kumpanija tal-assigurazzjoni.
>
> Wara madwar 20 minuta nargumentaw, ir-Rapprezentant cempel lill-'manager' tieghu. Dawn it-tnejn hedduni illi jien kelli biss zewg ghazlier: A) jiena stajt naccetta illi nhallas EUR1522.20 ghad-dannu immedjatament u huma kienu jhalluni nitlaq; jew B) jiena stajt inkompli ninnega illi ikkawzajt dannu lill-Vettura, fl-liema kaz Goldcar kienet ser tiehu d-depozitu kollu ta' EUR1900 (permezz ta' 'credit card pre-authorisation'), izomm id-dokumenti kollha relevanti u kienet ukoll ser twaqqaf lilu u lill-familja tieghu milli nitilghu abbord l-ajruplan ghat-titjira taghna. Kont ristrett ukoll bil-hin u dan ghaliex kien importanti illi l-familja tieghu titla abbord l-ajruplan. Minhabba illi bzajt illi kont ser nispicca minghajr ebda dokumenti u konna ser nitilfu t-titjira taghna (kienet diga ghaddiet nofs siegha minn meta rritornajt il-Vettura), u taht pressjoni, jiena qbilt illi nimxi mal-istruzzjonijiet taghhom u iffirmajt kollox u immedjatament hallast EUR1522.20 skond l-fattura tad-danni mahruga minn Goldcar (ara Dokument JK3).

---

[2] Ara *a foll.* 6–7 u *a foll.* 14–15 ghall-verzjoni bil-lingwa Ingliza.

Il-hsara fuq il-bumpers ta' quddiem kienet biss girfa – kif wiehed jistenna minn deterjorament ordinarju ghal karozza illi kellha 37750 km kilometragg. Din il-girfa kienet 'normal wear and tear' skont Goldcar meta jiena gbart il-Vettura izda l-istess girfa kienet ikkunsidrata minn Goldcar bhala dannu illi kelli nhallas meta jien irritornajt il-Vettura. Il-bumper ta' quddiem kien jiffunzjona perfettament meta jiena rritornajt il-Vettura u ma kellu l-ebda dannu ghajr ghall-imsemmija girfa illi kienet tezisti minn qabel ma jiena krejt il-karozza.

Jien m'inix mekkanik tal-karozzi u lanqas jiena xi espert fil-qasam, u jiena ma stajtx ninduna illi kien hemm xi dannu fl-'undercarriage' tal-Vettura qabel jew wara illi krejt il-Vettura. SAbiex wiehed ikun jista' jara l-'undercarriage' wiehed irid jitbaxxa madwar 30-40 centimetru. Jiena ma ndunajtx bl-allegat dannu fil-bidu meta krejt il-Vettura. Jiena nista' nikkonferma illi meta, fl-1 ta' Novembru, l-ewwel Rapprezentant ta' Goldcar ghamel **spezzjoni** tajba fil-presenza tieghu tal-karozza **huwa ma ghamilx spezzjoni tal-undercarriage**. Infatti din ma gietx mitkuba fil-'**Vehicle Condition Report**', illi jiena originjarjament iffirmajt. Meta jiena irritornajt il-Vettura lir-Rapprezentant ta' Goldcar huwa immarka d-dannu tal-'undercarriage' bhala dannu gdid **minghajr** **ma tbaxxa biex jiccekja**! Huwa mmarka illi l-'undercarriage kellu dannu fil-'Vehicle Condition Report' minghajr ma ghamel spezzjoni tal-'undercarriage', bhallikieku dan kollu kien premeditate u ppjanat qabel ma jiena wasalt fil-parkegg ta' Goldcar.

Wara illi ikkontestajt illi jiena qatt ikkawzajt dannu lill-Vettura, staqsejt lir-Rapprezentant ta' Goldcar u wrieni l-allegat dannu. Wara illi ghamilt spezzjoni tal-'undercarriage' u bl-gharfien limitat tieghi f'dan -il qasam, id-dannu illi kien maghmul lil 'under-door panel' u mhux lil 'undercarriage' Fi kwalunwke kaz, dan id-dannu kien ezistenti fi jew qabel l-1 ta' Novembru 2016.

Meta jiena wasalt lura l-Islovenja, jiena ippruvajt naghmel claim mal-Axa. Naturalment Axa talbitni evidenza tad-dannu illi gie kkawzat lill-Vettura qabel ma accettat illi thallasni l-flus lura. Fost dokumenti ohra, Axa talbitni (a) kopji tal-Vehicle Condition Reports l-aktar ricenti in konnessjoni mal-Vettura qabel l-1 ta' Novembru 2016; (b) kopja tar-rapport mahrug mill-mekkanik u l-kont sabiex jigi stabbilit jekk id-dannu sarx lil 'undercarraige' jew lil 'under-door panel' u wkoll sabiex tivverifika illi kien hemm bzonn tlett ijiem sabiex isiru t-tiswijiet. Minghajr ma qatt ammettejt it-tort u purament minghajr pregudizzju, jiena ktibt lil Goldcar tlett darbiet – fil-24 ta' Novembru, fis-6 ta' Dicembru 2016 u fil-11 ta' Dicembru 2016 – sabiex nitlobhom jipprovdu d-dokumenti illi talbet Axa (ara Dokument JK4). Goldcar taw biss twegibiet qosra u illi ma jaghmlu ebda sens u fl-ebda mument ma pprovdew id-dokumenti mitluba. Minghajr dawn id-dokumenti jiena ma nistax nitlob illi nigi kopert mill-polza tal-assigurazzjoni, irrid jew ma rridx.

Jiena mbaghad talbt lid-ditta tal-Avukati GANADO Advocates mill-Belt Valletta Malta tassistini. Intbaghtet 'Letter of Claim' f'isem u ghan-nom tieghi lil Goldcar fl-4 ta' Jannar 2017 (ara Dokument JK5) liema ittra giet michuda minn Goldcar fl-19 a' Jannar (ara Dokument JK6).

Goldcar naqset milli tipprovdi provi dwar il-kundizzjoni tal-Vettura qabel ma jien krejta. Goldcar naqset ukoll milli tipprovdi provi dwar l-ispezzjoni illi saret mir-Rapprezentant taghhom kienitx korretta jew le (x'vera kien id-dannu; jekk it-tiswijiet kinux necessarji u jekk kinux verament imwettqa; u kemm damu t-tiswijiet sabiex saru).

Kif jirrizulta mill-att promotur, l-attur talab l-ispejjez ta' dawn il-proceduri skond Sezzjoni 7.3[3] u wkoll l-imghax fuq l-ammont ta' €1,522.20c dekoribbli mis-16 ta' Frar, 2017 kif indikat f'Sezzjoni 7.4.[4]

Debitament notifikat bl-atti processwali rilevanti, fit-28 ta' Ottubru, 2017 il-konvenut Christian Borg ezercenti l-kummerc taht l-isem 'Goldcar Rental' ressaq risposta (Formola C) skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) numru 861 ta' l-2007 illi fiha qanqal l-eccezzjonijiet tieghu kif imnizzel f'Sezzjoni 1.[5] Tali eccezzjonijiet huma hawn isfel riprodotti:

> Illi Goldcar Spain S.L. ma twegibx ghat-talbiet tar-rikorrent stante li l-kuntratt relattiv ma sarx maghha.
>
> It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu lkoll michuda minn dan it-Tribunal ghas-segwenti ragunijiet.
>
> Illi Preliminarjament jinghad illi fl-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), u cioe d-data li fiha nbdiet il-kirja tal-vettura tat-tip Peugeot 308 Estate HDi bin-numru ta' registrazzjoni LQZ 587, ir-rikorrent iffirma kuntratt mas-socjeta` konvenuta sabiex tigi regolata l-kirja odjerna – anness u mmarkat **Dok. 'A'.**
>
> Illi *oltre* minn hekk, ir-rikorrent kien irrifjuta polza ta' assikurazzjoni offruta lilu mis-socjeta konvenuta, liema polza kellha l-intendiment illi tkopri l-ispejjez ghat-tiswija ta' kwalunwke hsarat ikkawzati fil-vettura in kwistjoni.
>
> Illi in vista ta' dan, u anke ai termini ta' dak pattwit fil-kuntratt hawn fuq imsemmi, ir-rikorrent sussegwentement qabel illi jhallas is-somma ta' elf u disa' mitt Ewro (€1,900) bhala depozitu fl-eventwalita illi tig kkawzata hsara fil-vettura mertu tal-kaz odjerna, ghall-fini li jigi kopert l-*excess* skont il-polza li hu ghazel li jkun kopert biha.
>
> *Inoltre,* huwa qabel ma' u ffirmat wkoll id-*damage repair costs sheet* u dan hekk kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat **Dok. 'B'**. Din il-lista elenkat *a priori* x'inhuma l-ispejjez individwali sabiex tigi msewwija kwalunwke hsara u r-rikorrent qabel maghha.
>
> Illi nhar l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), qabel ma ttiehdet il-vettura mir-rikorrent, saret spezzjoni dettaljata tal-vettura in kwistjoni <u>fil-presenza tar-rikorrent</u>, u ma nstaby assolutament l-ebda hsarat u wisq anqas grif u daqqiet kif issa qed jallega r-rikorrent. Li kieku dak li qed jallega r-rikorrent kien tabilhaqq minnu, dawn kienu jigu ndikati fil-formola relattiva maghrufa bhala *vehicle condition report.* Il-kuntratt anness u market **Dok. 'A'** jistipula car illi "*[a]*ny damages which are not reported in the condition report which is completed on the

---

[3] Ara *a fol*. 6.
[4] Ara *a fol*. 6.
[5] Ara *a foll*. 45–46.

collection day will be considered as new damages and will automatically be charged from the customer's card."

Meta fit-tmiem tal-kirja, u cioe fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), saret spezzjoni ohra, kienu evidenti l-hsarat fil-*bumper* ta' quddiem u fl-*undercarriage* tal-vettura odjerna u dan hekk kif jirrizulta mill-*vehicle condition report form* anness u market **Dok. 'C'.** Ir-rikorrent ghalhekk intalab ihallas is-somma ta' elf, hames mija u tnejn u ghoxrin Ewro u ghoxrin centezmu (€1,522.20) – *damage invoice* annessa u markata **Dok.'D'.**

Illil-ispezzjoni msemmija saret ukoll fil-prezenza tar-rikorrent, li malli gew senjalti l-hsarat lilu minn adetti tal-intimat, sar aggressive u filwaqt li ffirmat ghall-hsarat misjuba fuq il-*vehicle condition report*, qabad u arbitrarjament emenda l-istess *vehicle condition report* f'dik il-parti li kienet tirreferi ghall-ispezzjoni li saret fil-bidu tal-kirja fl-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Dan sabiex jaghti l-impressjoni qarrieqa illi tali hsarat kienu gja hemm qabel ma nbdiet il-kirja tieghu. Ir-rapprezentant tal-intimat fil-fatt nizzel nota f'dan is-sens fuq id-dokument u cioe` "*fraudulent done by client at time of return*".

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda fit-totalita taghha.

Bl-ispejjez.

It-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti kollha ta' dan il-procediment u tad-dokumenti kollha sottomessi mill-partijiet;

It-Tribunal jikkunsidra;

B'introduzzjoni, ghandhom jigu trattati brevement zewg aspetti.

It-Tribunal ha qies tal-fatt illi l-kontendenti talbu li ssehh udjenza quddiemu (*vide* Sezzjoni 8.3 tal-Formola A[6] u Sezzjoni 3 tal-Formola C[7]) biex isehhu sottomissjonijiet legali (u mhux fattwali) quddiemu. Nonostanti tali talba, it-Tribunal, b'ezercizzju tad-diskressjoni lilu affidata in virtù ta' l-ewwel sub-inciz ta' l-Artikolu 5 Regolament (UE) numru 861 ta' l-2007, bil-pronunzjament tal-prezenti decizjoni, jinsab implictament jichad tali talba. L-imsemmi Artikolu 5 jipprovdi hekk: "*Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandha tkun proċedura bil-miktub. Il-qorti jew it-tribunal għandhom jagħmlu seduta orali jekk huma jikkunsidraw li dan ikun meħtieġ jew jekk parti titlob dan. Il-qorti jew it-tribunal jistgħu jiċħdu tali talba jekk huma jikkunsidraw li fir-rigward taċ-ċirkostanzi tal-każ, seduta orali tkun manifestament mhux meħtieġa għat-tmexxija ġusta tal-kawża. Ir-raġunijiet għaċ-ċaħda għandhom jingħataw bil-miktub. Iċ-ċaħda ma tistax tiġi kkontestata separatament*." Seduta orali ma kinitx mehtiega f'dan il-kaz peress li l-atti processwali

[6] Ara *a fol.* 8.
[7] Ara *a fol.* 44.

kienu sufficjentement motivati ghal dak li jikkoncerna spjegazzjoni tal-posizzjonijiet legali rispettivi u kif ukoll ghal dak li jikkoncerna materjal probatorju dokumentarju necessarju. Agguntivament, ma kienx hemm htiega li ssir seduta orali sabiex isehhu sottomissjonijiet ta' natura legali quddiem it-Tribunal u dan in forza tal-principju ta' "iura novit curia".[8]

It-tieni aspett huwa illi t-Tribunal ra illi ghalkemm 'Goldcar Spain S.L.' giet debitament notifikata fis-6 ta' Marzu, 2017[9] u Raymond Bezzina gie ukoll notifikat (izda permezz tal-procedura ta' affissjoni u publikazzjoni)[10] huma ma ressqux ir-risposta taghhom bil-miktub u ghalhekk huma fi stat ta' kontumacja. Skond id-dritt domestiku[11] dan ifisser illi huma qed jikkontestaw it-talbiet ta' l-attur ghaliex il-kontumacja ma tammontax ghall-accettazjoni tat-talbiet attrici.[12] Dan it-Tribunal dahal fil-kwezit tal-kontumacja u din ezattament xi tfisser fid-decizjonijiet tieghu *in re* **Awtorità ghat-Trasport f'Malta v. Khadar Qaasim Abdi** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017), *in re* **Margal Limited v. Eucharist Bajada** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 5 ta' Frar, 2019) u dik *in re* **GasanMamo Insurance Ltd et v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 20 ta' Jannar, 2020) u ghalhekk m'hemmx htiega ta' esposizzjoni dettaljata dwarha. Semplici referenza ghat-tematika kif esposta u deskritta f'tali decizjonijiet hija sufficjenti.

Spjanat dawn il-punti preliminari, it-Tribunal jghaddi ghall-qalbha tal-vertenza.

L-aspetti fattwali ta' din il-kontiza jistghu jigu suddivizi hekk:

---

[8] Massima li tixxiebah ma' din hi dik li tghid' "*da mihi factum, dabo tibi ius*" (tranduz. 'forniscimi il fatto, ti darò il diritto'): "*nel processo civile, alle parti è attribuito il compito di fornire al giudice le prove su cui si fonda il diritto che intendono far valere in giudizio; all'ordine giudicante è domandata la funzione di ricercare e di interpretare le norme da applicare al caso concreto sottoposto al suo giudizio*" (*cfr.* **UMBERTO ALBANESE**, "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine", Hoepli 1993; p. 85). Ghal approfondiment dwar il-massima ta' "*iura novit curia*" wiehed hu mistieden jara d-decizjoni *in re* **Robert Fenech noe v. Christian Bonnici** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 28 ta' Novembru, 2017; konfermata fl-appell fit-18 ta' Gunju, 2018).

[9] Ara *a tergo* ta' *fol.* 41.

[10] Ara l-gurnali esebiti *a fol.* 69 u *a fol.* 72.

[11] It-Tribunal jirreferi ghas-sentenza *in re* **Peter Pietsch v. Vueling S.A.** (Procedura Ewropea Ghal Talbiet Zghar, 22 ta' Settembru, 2017) fejn fiha, *inter alia*, kien inghad hekk: «*Here the Tribunal points out that, "Subject to the provisions of this Regulation, the European Small Claims Procedure shall be governed by the procedural law of the Member State in which the procedure is conducted" [Article 19 of Regulation (EC) no. 861/2007]. Therefore, notwithstanding the rights invoked by the claimant emanate from a European Union legal instrument, the procedural aspects of the proceedings are governed by the rules and principles of the territorial jurisdiction where the case was filed and the proceedings conducted*.» L-istess linja ta' hsieb hi mhadda fis-sentenzi *in re* **Jacqueline Rasenberg v. AM Language Studio** (Procedura Ewropea Ghal Talbiet Zghar, 11 ta' Gunju, 2020) u *in re* **Emma Jayne Haywood v. Hero Gaming Ltd** (Procedura Ewropea Ghal Talbiet Zghar, 30 ta' Settembru, 2020).

[12] Ara per ezempju, u fost diversi ohra, *in re* **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe** (Appell Civili, 27 ta' Marzu, 1996); **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono** (Appell Civili, 7 ta' Novembru, 1997); u **Blye Engineering Co. Ltd v. Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** (Appell Civili, 22 ta' Gunju, 2005).

**(i)** L-attur kera vettura ma' 'Goldcar Spain S.L.' minn fuq l-internet fl-10 ta' Ottubru, 2016, u xtara polza ta' assigurazzjoni mal-kumpannija 'AXA', sabiex juza din il-vettura waqt li kien ser ikun qieghed btala f'Malta bejn it-2 ta' Novembru, 2016 u s-6 ta' Novembru, 2016.[13] Huwa wasal Malta fl-1 ta' Novembru 2016 u gabar minghand Goldcar Rentals fil-Gudja il-vettura tal-marka Peugeot u tat-tip 306 bin-numru ta' registrazzjoni LQZ-587, u hallas depozitu ta' €1,900.00c;[14]

**(ii)** Meta mar jigbor tali vettura hu gie mghoddi ftehim bit-termini u kundizzjonijiet tal-kirja sabiex jiffirmah.[15] Dakinhar giet ukoll mimlija Vehicle Condition Report fejn kellhom jigu ndikati il-hsarat visibli fuq il-vettura. L-ebda hsara ma giet indikata fuq din il-formola dakinhar li l-attur gabar il-vettura minghand Goldcar Gudja, u skond l-attur dan minkejja illi l-vettura kellha numru sostanzjali ta' daqqiet u grif.[16] L-attur isostni illi l-addett ta' Goldcar Gudja kien qallu illi dawn id-daqqiet u grif ma kienux ser jigu mmarkati ghaliex kienu biss *wear and tear* – xi haga li l-attur accetta ghaliex il-vettura kellha *mileage* pjuttost gholi;[17]

**(iii)** L-attur irritorna l-vettura in kwistjoni fis-6 ta' Novembru, 2016. Dakinhar l-addetti ta' Goldcar Gudja immarkaw fuq il-Vehicle Condition Report hsara fl-*undercarriage* u l-*bumper* tal-vettura[18] u pretendew minghand l-attur hlas ta' €1,522.20c a bazi ta' rati stabbiliti fid-"*Damage Rate Sheet*"[19] sabiex dawn jaghmlu tajjeb ghall-hsarat illi l-addetti ta' Goldcar Gudja kienu qed isostnu li sabu fil-vettura kif ritornata, kif ukoll ghal "*Damage Administration Fee*" u "*Loss of Use*" tal-vettura ghal tlett ijiem.[20] Ghalkemm l-attur ipprotesta r-responsabilità tieghu ghal din l-allegata hsara u anke ghall-ezistenza ta' din il-hsara innifisha peress illi ma kinitx saret spezzjoni tal-*undercarriage*,[21] huwa qabel li jhallas l-ammont mitlub sabiex hu u l-familja tieghu ma jitilfux it-titjira taghhom,[22] izda immarka fuq il-Vehicle Condition Report illi l-hsara kienet wahda pre-ezistenti, li sussegwentement gie mmarkat mill-addetti tal-konvenuti bhala indikazzjoni maghmula b'mod frawdolenti mill-attur.[23]

---

[13] Ara l-att promotur u l-affidavit ta' Kristina Klobčar, paragrafu (1).
[14] Ara d-dokument ezibit *a fol.* 19.
[15] Ara l-kuntratt immarkat bhala 'Dokument JK1' *a fol.* 18.
[16] Ara l-affidavit tal-attur, paragrafu (2) u l-affidavit ta' Kristina Klobčar, paragrafu (2).
[17] *Ibid.*.
[18] Ara d-dokument immarkat bhala 'Dok JK2' *a fol.* 21.
[19] Ara d-dokument *a fol.* 20.
[20] Ara d-*Damage Invoice* immarkata bhala 'Dokument JK3' *a fol.* 22.
[21] Ara l-affidavit tal-attur, paragrafu (4).
[22] Ara l-affidavit tal-attur, paragrafu (9).
[23] Ara l-*Vehicle Condition Report* Form immarkat bhala 'Dokument JK2' *a fol.* 21.

**(iv)** Sussegwentement l-attur ghamel kuntatt mal-kumpanija assiguratrici tieghu sabiex jiftah *claim*, li minn naha taghha informatu illi sabiex taghmel tajjeb ghall-ammont li hallas lill-konvenuti huwa kellu jgib prova, *inter alia,* tal-kondizzjoni tal-vettura fil-bidu tal-kirja u provi sabiex jissostanzjaw il-*claim* tieghu.[24] Ghalhekk l-attur ikkomunika ma' 'Goldcar Spain S.L.' dwar dan, u wara skambju ta' korrispondenza baqa' minghajr din l-informazzjoni ghaliex 'Goldcar Spain S.L.' kienet qed tirrifjuta li taghtiha, senjatament ghaliex l-ammonti dovuti ghall-hsarat minn klijenti li ma jkunux xtraw il-polza ta' assigurazzjoni mibjugha minnha huma pre-likwidati skont id-Damage Rate Sheet, b'referenza ghal klawsola numru §4 tal-ftehim, u ghaliex ir-rapport tal-mekkanik ikollu informazzjoni privata, ossia l-isem tal-mekkanik.[25] L-attur ghalhekk ha parir legali, u wara ittra mibghuta mid-difensur legali lil 'Goldcar Spain S.L.',[26] intbghatet *email* fejn gie indikat illi skond ir-rapport mahrug mill-*maintenance department* kienu saru xi tiswijiet fl-*undercarriage* tal-vettura in kwistjoni, u li ghalhekk l-ammont imhallas mill-attur kien korrett u ma kienx hemm lok ghal rifuzjoni.[27]

Bazikament, l-istanza prezenti hi dwar ammont li l-attur gie kostrett ihallas bhala kumpens ghal danni allegatament ikkawzati minnu f'vettura li huwa kera minghand il-konvenuti. L-attur isostni illi huwa ma kkaguna l-ebda hsarat f'din il-vettura u li l-Vehicle Condition Report redat mill-addetti tal-konvenuti fih informazzjoni inveritiera ghaliex il-vettura kellha numru ta' daqqiet u grif li ma gewx indikati meta gabar il-vettura filwaqt illi meta rritornaha gew indikat hsarat li ma kienux ezistenti jew li kienu ezistenti qabel ma gabar il-vettura izda ma gewx immarkati. Minn naha tieghu Christian Borg, l-unika konvenut li ressaq risposta f'dawn il-proceduri, isostni illi skond il-ftehim iffirmat mill-attur, kwalunwke hsara li ma tkunx giet indikata fil-Vehicle Condition Report meta tingabar il-vettura tigi meqjusa bhala hsara gdida, u peress li l-attur ghazel li ma jixtrix polza ta' assigurazzjoni minghand Goldcar huwa tenut li jhallas l-ammont indikat fid-Damage Rate Sheet.

It-Tribunal jikkunsidra;

Qabel ma wiehed jaddentra ruhu fil-mertu tal-kontiza, hemm dik l-eccezzjoni, imressqa minn Christian Borg, illi tikkontendi li 'Goldcar Spain S.L.' ma tirrispondix ghat-talbiet ta' l-attur ghax li l-ftehim ma sarx maghha.

---

[24] Ara kopja tal-*email* immarkata bhala 'Document C', li giet ezibita flimkien mal-affidavit tal-attur.
[25] Ara kopji tal-*emails* skambjati bejn l-attur u Goldcar Spain immarkati bhala 'Dokument JK4' *a foll.* 23–32.
[26] Ara kopja tal-ittra immarkata bhala 'Dokument JK5' *a fol.* 33.
[27] Ara kopja ta' dan l-*email* immarkat bhala 'Dokument JK6' *a fol.* 35.

Dwar dan it-Tribunal jirrileva illi mir-risposta intavolata minn Christian Borg stess ma jirrizultax illi hu qiegħed jirrispondi wkoll għal 'Goldcar Spain S.L.'. Sa fejn indikat fir-risposta, Christian Borg (ezercenti l-kummerc taht l-isem 'Goldcar Rental') qiehed jeccepixxi ghalih biss. Filfatt, mill-atti ma tirrizulta l-ebda awtorizazzjoni jew mandat minn naha ta' 'Goldcar Spain S.L.' sabiex l-imsemmi Christian Borg jirrispondi ghaliha u/jew ghan-nom taghha. Li kieku dan kien hekk, wiehed ragenevolment jistenna illi r-Risposta relattiva kienet esplicitament tindika dan. Ghandu jkun notorju illi parti mharrka ghandha taghti eccezzjonijiet li jikkompetu solament lilha u mhux ukoll tigi permessa teccepixxi linji difensjonali li jappartjenu fl-isfera guridika ta' konvenuti ohra u li, ghalhekk, sterttament jikkompetu lill-istess konvenuti ohra. Ghalhekk jigi li Christian Birg m'ghandu l-ebda kapacità processwali li jqanqal materji li teknikament, strettament u bhala stat ta' fatt m'humiex tieghu izda huma ta' ohrajn.[28]

B'dan maghdud, it-Tribunal iqis illi fi kwalunwke kaz din l-eccezzjoni hija nfondata. Ghalkemm huwa minnu li l-ftehim (ara *a fol.* 18) gie iffirmat minn agent ta' Goldcar Rental Malta, jirrizulta illi t-termini u l-kundizzjoni imposti f'dan il-ftehim huma ta' natura *standard*, imposti minn 'Goldcar SA' u l-agir ta' l-addetti ta' Goldcar Gudja gie ratifikat minn 'Goldcar Spain S.L.' u dan kif jidher mill-iskambju ta' korrispondenza bejn 'Goldcar Spain S.L.' u l-attur, kif jidher per ezempju miz-zewg *emails* datati 6 ta' Dicembru, 2016 mibghuta minn 'Goldcar Spain S.L.' li jikkonfermaw li hija l-*policy* taghhom li klijenti li jirrifjutaw li jixtru l-polza ta' assigurazzjoni mibjugha minnhom ikollhom ihallsu kwalunkwe hsara li tirrizulta fil-vettura mar-ritorn taghha u li ma tkunx giet indikata meta l-vettura tkun ittiehdet mill-klijent.[29] Barra minn hekk, fl-*email* mibghut minn 'Goldcar Spain S.L.' lill-avukat difensur ta' l-attur, mhux biss 'Goldcar Spain S.L.' ma nnegatx illi hija ghandha relazzjoni guridika ma' l-attur, izda anzi irreferiet ghall-attur bhala l-klijent taghha.[30] Ghalhekk, it-Tribunal iqis illi r-relazzjoni guridika bejn 'Goldcar Spain S.L.' *qua* kummercjant u l-attur *qua* l-klijent taghha tirrizulta manifestament mill-atti tal-kawza.

Indirizzati ukoll dan l-aspetti preliminari, l-attenzjoni issa ddur ghall-mertu tal-kwistjoni.

It-Tribunal jikkunsidra;

It-Tribunal jibda' billi jirrileva illi fejn ikun jirrizulta illi f'kuntratt konkluz bejn kummercjant u konsumatur jista' jkun hemm inkluzi termini ingusti, t-Tribunal ghandu dmir u obbligu li jezamina din il-kwistjoni, anke jekk ma tigix mqajjma esplicitament mill-partijiet

[28] Ghal dak li jiswa dwar il-kuncett ta' "kapacità processwali", issir referenza ghad-decizjoni *in re* **Jacqueline Rasenberg v. AM Language Studio** (Procedura Ewropea Ghal Talbiet Zghar, 11 ta' Gunju, 2020) gja' citata *supra*.
[29] Ara kopja ta' dawn l-*emails a fol.* 25 u *a fol.* 27.
[30] Ara l-*email* immarkat bhala 'Dokument JK6' *a fol.* 35: "*You have requested a clarification of a charge made to our **mutual customer**.*" [enfazi tat-Tribunal].

innifishom, u dan skond il-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, gie deciz fis-sentenza *in re* **Dirk Frederik Asbeek Brusse et v. Jahani BV** (C-488/11, 30 ta' Mejju, 2013) illi, "*Preliminarjament, jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva, li jipprovdi li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi, tikkostitwixxi dispożizzjoni obbligatorja li hija intiża li tbiddel l-ekwilibriju formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet kontraenti f'ekwilibriju reali li jista' jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejniethom (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Banco Español de Crédito, punt 40, u Banif Plus Bank, punt 20). Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni mixtieqa mid-Direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat diversi drabi li s-sitwazzjoni ta' inugwaljanza li teżisti bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur tista' tiġi kkumpensata biss b'intervent pożittiv, li ma jiġix mill-partijiet fil-kuntratt (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Banco Español de Crédito, punt 41, u Banif Plus Bank, punt 21 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-qorti nazzjonali hija obbligata, meta jkollha l-punti neċessarji ta' liġi u ta' fatt, li tevalwa ex officio n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u, b'dan il-mod, li tirrimedja l-iżbilanċ li jeżisti bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Banco Español de Crédito, punt 42, u Banif Plus Bank, punt 22). Konsegwentement, ir-rwol li huwa attribwit mid-dritt tal-Unjoni lill-qorti nazzjonali fil-qasam ikkunsidrat ma huwiex limitat għas-sempliċi possibbiltà li tiddeċiedi dwar in-natura possibbilment inġusta ta' klawżola kuntrattwali, iżda jinkludi wkoll l-obbligu li teżamina ex officio din il-kwistjoni, meta jkollha għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji għal dan il-għan (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Banco Español de Crédito, punt 43, u Banif Plus Bank, punt 23)*."[31]

Din hija wkoll il-posizzjoni li hadu l-qrati domestici. Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza, fost ohrajn, ghas-sentenza *in re* **F. Advertising Limited v. Simon Attard et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010), fejn gie deciz illi fejn tkun qed tigi ezaminata kontrattazzjoni (oosia, *negotium*) bejn konsumatur u kummercjant, "*huwa imperattiv illi jigi kkontrollat jekk certi klawsoli taghhom joholqux skwilibriju sinjifikattiv lill-interessi tal-konsumatur tas-servizz u allura ghandhomx jigu dizapplikati ipso jure, ukoll fejn ma jkunx oggett ta' impunjattiva specifika da parte tal-konsumatur. Huwa ben ovvju fic-cirkostanzi attwali fejn huma imperanti d-Direttivi komunitarji illi dan l-ezercizzju ghandu jkun ic-centru fokali f'kontrattazzjonijiet ta' dan il-generu fejn it-termini jkunu pre-fissati mill-bejjiegh jew provvditur tas-servizz, u mhux pre-negozjati bejn il-partijiet. Dan hu hekk*

---

[31] Ara l-paragrafi §§38–41 tad-decizjoni citata. Inoltre, ara wkoll *in re* **VB Pénzügyi Lízing Zrt. V. Ferenc Schneider** (C-137/08, 9 ta' Novembru, 2010; **Banif Plus Bank Zrt v. Csaba Csipai and Viktória Csipai** (C-472/11, 21 ta' Frar, 2013); **Banco Primus SA v. Jesús Gutiérrez García** (C-421/14, 26 ta' Jannar, 2017); **Karel de Grote v. Susan Romy Jozef Kuijpers** (C-147/16, 17 ta' Mejju, 2018).

*gjaladarba l-finalità attribwita mil-legislatur komunitarju, riprodotta fil-ligi specjali taghna, tibqa' dik ta' l-ezami tal-gustizzja ta' l-iskambji bejn il-kontraenti u tal-kontroll gudizzjali dwar l-ekwilibriju tal-prestazzjoni*."[32]

It-Tribunal sejjer ghalhekk jezamina *marte proprio* u *ex officio* t-termini kontrattwali tal-ftehim iffirmat mill-partijiet fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex jiddetermina jekk hemmx klawsoli li huma ngusti ai termini ta' dik il-Ligi.

It-Tribunal josserva illi l-ligi relattiva ghal termini ingusti f'kuntratti tkopri mhux biss kuntratti ta' bejgh jew provvista ta' servizzi, izda wkoll kuntratti ta' lokazzjoni u kiri, sakemm dawn ikunu saru ghall-skopijiet personali u mhux ghal ghanijiet kummercjali, ghaliex, "*huwa b'riferiment għall-kwalità tal-partijiet kontraenti, li tiddetermina jekk dawn jaġixxux jew le fil-kuntest tal-attività kummerċjali tagħhom, li d-direttiva tiddefinixxi l-kuntratti li huma suġġetti għaliha*."[33] Ghalhekk huwa car illi l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta huwa applikabbli ghall-ftehim konkluz bejn il-partijiet odjerni, galadarba jinsab indiskuss illi l-attur kien gie Malta fuq btala (*ergo*, ghal skopijiet ta' natural personali u mhux kummercjali).

L-ezami tan-natura ingusta ta' klawsola hu bbazat fuq il-konsegwenzi legali li din il-klawsola tkun tipproduci, u mhux fuq l-intenzjoni tal-kummercjant jew il-volontarjetà min-naha tieghu li jikkawza d-danni ikkagunat lill-konsumatur. Dan l'ghaliex, "*l-assenza ta' bona fide ma hijiex kundizzjoni awtonoma li għandha tiġi stabbilita addizjonalment għall-eżistenza ta' żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet. Dak li għandu jiġi stabbilit huwa pjuttost li l-eżistenza ta' tali żbilanċ fih innifsu juri l-assenza tal-bona fide fis-sens tad-Direttiva tal-1993. Għalhekk, isegwi li r-rekwiżit ta' bona fide ma jeħtieġx id-dimostrazzjoni ta' intenzjoni jew dannu volontarju*."[34]

Il-klawsola numru erbgha (4) tal-ftehim ezibit *a fol.* 18, li fuqha qed jibbaza d-difiza tieghu il-konvenut Borg, taqra hekk: "*Should you decide not the take out the Super Relax Cover at the time of rental, the Excess amount of your rental will apply for any damages, engine failures, burnt clutches, breakdowns or theft of the vehicle. Any damages which are not reported in the condition report which is completed on the collection day will be considered as new damages and will automatically be charged from the customer's*

[32] Wiehed hu mistieden jara wkoll *in re* **F. Advertising Limited v. Anthony Tabone et** (Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2009) u *in re* **F. Advertising Limited v. Joseph Borg** (Prim'Awla, 24 ta' Settembru, 2019; prezentement *sub iudice* fl-appell).
[33] *vide* **Dirk Frederik Asbeek Brusse et v. Jahani BV** citata *supra* (paragrafi §30 u §32 taghha).
[34] Konkluzjonijiet ta' l-Avukat Generali Hogan, ipprezentati fil-15 ta' Mejju, 2019 fil-kawza *in re* **Gyula Kiss et v. Emil Kiss et** (Kaz nru. C-621/17).

*card. In this case when a damage is done on the vehicle, a charge (as per damage rates sheets) up to the excess amount will be charged on your credit card from the deposit. In the case of an accident with another vehicle the whole amount of the excess will be withdrawn from the excess deposit.*"

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal din il-klawsola hija wahda ngusta ai termini ta' l-Art. 44 (2)(cc) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex teskludi jew tfixkel "*id-dritt li għandu l-konsumatur li jieħu azzjoni legali jew li jeżerċita xi rimedju legali ieħor, b'mod partikolari billi jeħtieġu lill-konsumaturli jieħu xi kwistjoni għal arbitraġġ li ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni tal-liġi, biex b'hekk jirrestrinġu l-evidenza li jkollu f'idejh jew jimponu fuqu l-oneru tal-prova li, skont il-liġi li tkun tapplika, għandu jinkombi fuq il-parti l-oħra fil-kuntratt*."

Skont il-ligi Maltija min jallega li saritlu hsara bi htija ta' haddiehor ghandu l-oneru li jressaq prova sodisfacjenti dwar (i) id-dannu arrekat; (ii) il-kondotta kolpuza (kommissiva u/jew ommissiva) tal-konvenut; u (iii) in-ness kawzattiv bejn tali danni u tali kondotta.[35] Però, skond ir-raba' klawsola tal-ftehim surreferit, il-konvenuti ezentaw lilhom infushom mill-applikazzjoni ta' din ir-regola u aghar minn hekk, ghamlu dan bhala forma ta' deterrent jew penali ghal min, bhal-attur, jaghzel illi ma jixtrix il-polza ta' assigurazzjoni mibjugha minnhom. Tant il-konvenuti pretendew illi din il-klawsola taqleb l-oneru tal-prova tad-dannu, htija u ness kawzattiv fuq il-parti li allegatament ikkawzathom illi fil-proceduri odjerna lanqas biss resqu prova wahda dwar dawn l-elementi u bbazaw id-difiza taghhom biss fuq din il-klawsola.

It-Tribunal josserva inoltre illi ghalkemm huwa minnu illi *standard form contracts* huma kkonsidrata bhala kuntratti validi skont il-gurisprudenza Maltija, meta wiehed mill-partijiet ghal dawn il-kuntratti jkun konsumatur, tali kuntratti "*biex jinghataw l-effett taghhom, iridu jkunu cari, miktuba b'lingwa li tinftiehem, u ma jikkontjenux klawsoli li jkunu ta' hsara ghall-konsumatur, bhala l-parti l-aktar dghajfa f'negozjati ma' imprenditur. Fil-fatt, l-Att dwar Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta) tqis bhala klawsoli mhux gusti, fost ohrajn, dawk li huma inkompatibbli ma' kull htiega ta' bona fidi*."[36] Kif gie spjegat fis-sentenza *in re* **Verein für Konsumenteninformation v. Amazon EU Sàrl** (C-191/15, 28 ta' Lulju, 2016), "*klawżola ta' kuntratt li ma tiġix innegozjata individwalment għandha titqies inġusta meta toħloq, minkejja r-rekwiżit tal-bona fide, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet għad-detriment tal-konsumatur.*

[35] F'dan is-sens ara, fost ohrajn, is-sentenzi *in re* **George Thomas Davison v. Joseph Azzopardi noe** (Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1962) u *in re* **Francis Busuttil v. Sammy Meliaq nomine** (Prim'Awla, 9 ta' Dicembru, 2002). Analizi mirquma tat-tlett aspetti tinsab spjegata mit-trattist **GIOVANNI PACCHIONI** fi "Diritto Civile Italiano – Diritto Delle Obbligazioni" (CEDAM, 1940; Vol. IV, p.141).
[36] *vide* **F. Advertising Limited v. Simon Attard et** citata *supra*.

*L-Artikolu 3(2) ta' din id-dispożizzjoni jippreċiża li klawżola għandha dejjem titqies li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment meta tkun ġiet abbozzata minn qabel mill-professjonist, mingħajr ma l-konsumatur ikun seta' influwenza l-kontenut tagħha, b'mod partikolari fil-kuntest ta' kuntratt standard imfassal minn qabel*."

It-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza *in re* **Constructora Principado SA v. José Ignacio Menéndez Álvarez** (C-226/12, 16 ta' Jannar, 2014) fejn gie deciz illi, "*sabiex jiġi stabbilit jekk klawżola toħloqx, għad-detriment tal-konsumatur, "żbilanċ sinifikanti" bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jirriżultaw minn kuntratt, għandhom b'mod partikolari jittieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli applikabbli tad-dritt nazzjonali fl-assenza ta' qbil f'dan is-sens bejn il-partijiet. Huwa permezz ta' tali analiżi komparattiva li l-qorti nazzjonali tkun tista' tevalwa jekk, u, jekk dan ikun il-każ, sa fejn, il-kuntratt iqiegħed lill-konsumatur f'sitwazzjoni legali inqas favorevoli meta mqabbla ma' dik prevista mid-dritt nazzjonali fis-seħħ* […] *żbilanċ sinjifikattiv jista' jirriżulta mis-sempliċi fatt ta' preġudizzju suffiċjentement serju għas-sitwazzjoni legali li fiha l-konsumatur, bħala parti għall-kuntratt inkwistjoni, jinsab skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, kemm jekk fil-forma ta' restrizzjoni għall-kontenut tad-drittijiet li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, huwa għandu skont dan il-kuntratt kif ukoll jekk fil-forma ta' ostakolu għall-eżerċizzju tagħhom jew ukoll tal-impożizzjoni fuqu ta' obbligu supplimentari, li ma huwiex previst mir-regoli nazzjona*li."[37]

Wara li ezamina l-ftehim ezebit a *fol.* 18, fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-klawsola 4 – li ma gietx innegozjata individwalment – tohloq bilanc sinjifikattiv bejn il-partijiet u tikkawza pregudizzju serju lill-attur *qua* konsumatur. Din il-kawsola ghandha l-effett illi tnaqqas l-ghazla libera tal-konsumatur illi jixtri polza ta' assigurazzjoni minghand assigurazzjoni tax-xelta tieghu, u tippenalizza l-ghazla tal-konsumatur li jixtri polza ta' assigurazzjoni mhux mibjugha mill-konvenuti billi timponi fuqu obbligi li m'humiex previsti fil-ligi domestika, u cioè li jaghmel tajjeb ghal hsara li ma tkunx giet pruvata fuq bilanc ta' probabbilitajiet li sehhet bi htija tieghu.

Aghar minn hekk, kif irrizulta mill-provi imressqa fuq dan it-Tribunal, il-formoli li jindikaw xi hsara kien hemm fuq il-vettura meta din ittiehdet mill-attur u dik li rrizultat wara r-ritorn taghha minnu, jigu mimlija minn addett tal-konvenuti minghajr ma l-attur kellu xi opportunità li jippartecipa fil-mod kif l-istess tigi mimlija. Fil-fatt, mix-xhieda ta' l-attur[38] u

---

[37] Ara wkoll **Mohamed Aziz v. Caixa d'Estalvis de Catalunya, Tarragona i Manresa (Catalunyacaixa**) (C-415/11, 14 ta' Marzu, 2013); **Banco Primus SA v. Jesús Gutiérrez García** (C-421/14, 26 ta' Jannar, 2017; **Ruxandra Paula Andriciuc and Others v. Banca Românească SA** (C-186/16, 20 ta' Settembru, 2017).
[38] Ara l-affidavit tal-attur, paragrafi (2), (4), (8) u (9).

ta’ Kristina Klobčar[39] jirrizulta illi meta l-attur gabar il-vettura minghand il-konvenuti din kellha numru ta’ daqqiet u grif li l-haddiem tal-konvenuti irrifjuta li jindika fuq il-formola relattiva ghaliex dawn kienu biss “*wear and tear*” filwaqt illi meta l-attur irritorna l-vettura huwa gie mhedded illi hu u familtu ma jithallewx jitilqu mill-pajjiz jekk ma jhallasx is-somom pretizi mill-konvenuti ghall-hsarat indikati fil-formola mill-addetti tal-konvenuti, minkejja illi l-attur kien qieghed jipprotesta r-responsabbilità tieghu ghall-hsara li giet indikata u li, skond ix-xhieda ta’ l-attur u Kristina Klobčar, giet indikata minghajr ma sar l-ezami mehtieg fuq il-vettura fi kwalunwke stadju.[40] Meta imbaghad l-attur prova jikseb dokumentazzjoni rigward il-hsara li allegatament ikkawza f’din il-vettura sabiex ikun jista’ jiftah *claim* mal-assigurazzjoni tieghu, il-konvenuti irrifjutaw illi jaghtuh din l-informazzjoni ghaliex pretendew illi dan ma kienx necessarju in vista tal-klawsola numru 4, u kien biss wara l-involviment ta’ l-avukat difensur tieghu li l-attur kiseb xi informazzjoni superficjali dwar din l-allegata hsara. Huwa ferm evidenti illi din il-klawsola, fid-dawl tac-cirkostanzi hawn spjegati, tohloq zbilanc serju bejn l-obbligi tal-partijiet u ghaldaqstant hija ngusta ai termini tal-ligi.

Ghalhekk, b’applikazjoni ta’ l-Art. 44 (1) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jiddikjara illi l-klawsola numru erbgha (4) tal-ftehim a *fol.* 18 hija ngusta u ghaldaqstant sejjer iqis dan il-kaz bhallikieku qatt ma ddahlhlet fil-ftehim.[41]

It-Tribunal sejjer ghalhekk jghaddi biex iqis jekk kienx hemm raguni valida fil-ligi sabiex il-konvenuti jiehdu hlas ta’ €1,522.20 minghand l-attur ghall-hsarat allegatament ikkawzati fil-vettura mikrija minnu.

It-Tribunal ra illi l-konvenuti ma ressqu l-ebda prova dwar l-allegata hsara li saret fil-vettura in kwistjoni u llimitaw id-difiza taghhom ghal dak li tipprovdi l-imsemmi klawsola numru 4 tal-ftehim, illi ghar-ragunijiet spjegati hawn fuq m’hijiex qed tittiehed in konsiderazzjoni.

---

[39] Ara l-affidavit ta’ Kristina Klobčar, paragrafi (2), (5) u (7).

[40] Ara l-affidavit tal-attur, paragrafi (6) u (7) u l-affidavit ta’ Kristina Klobčat, paragrafu (4)

[41] Ara fuq dan il-punt is-sentenza *in re* **Kamil Dziubak et v. Raiffeisen Bank International AG** (C-260/18, 3 ta’ Ottubru, 2019): “*Għandu jitfakkar li l-ewwel parti tas-sentenza tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 teżiġi li l-Istati Membri jipprevedu li l-klawżoli inġusti “ma jkunux jorbtu lill-konsumatur”.Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat din id-dispożizzjoni fis-sens li meta l-qorti nazzjonali tikkunsidra klawżola kuntrattwali bħala inġusta, hija għandha ma tapplikahiex, obbligu li għalih ma hemmx eċċezzjoni ħlief jekk il-konsumatur, wara li jkun ġie avżat mill-imsemmija qorti, jagħżel li ma jinvokax in-natura inġusta u mhux vinkolanti tagħha, u b’hekk jagħti l-kunsens liberu u informat tiegħu għall-klawżola inkwistjoni, kif tfakkar fil-punt 53 ta’ din is-sentenza. Għalhekk, jekk il-konsumatur ma jagħtix il-kunsens tiegħu u lanqas ma jopponi espressament għaż-żamma tal-klawżoli inġusti kkonċernati, kif dan jidher li huwa l-każ fil-kawża prinċipali, l-imsemmija eċċezzjoni ma tkunx applikabbli*.”

It-Tribunal iqis illi l-Vehicle Condition Report m'huwiex prova kredibli u affidabbli la tal-kondizzjoni tal-vettura fil-bidu tal-kirja u lanqas fit-tmiem taghha. Dan fid-dawl tax-xhieda ta' l-attur u ta' Kristina Klobčar, ossia li din il-formola giet mimlija mill-addetti tal-konvenuti minghajr ma saret spezzjoni adegwata fuq il-vettura permezz ta' liema seta' jigi kkonstat id-dannu allegat mill-konvenuti (filwaqt illi meta l-attur kien gabar il-vettura l-addett tal-konvenuti kien irrifjuta illi jindika fuq din il-formola id-daqqiet u grif li kienu visibli fuq il-vettura ghaliex skont hu dawn kienu biss "*wear and tear*" li ma kienx jehtieg li jigu indikati).

Filfatt, ghalkemm fil-*Vehicle Condition Report* gie indikat li kienu instabu danni fuq il-*bumper* tal-vettura, fl-*email* mibghut mid-Dipartiment ta' *Customer Services* lil rapprezentant legali tal-attur fid-19 ta' Jannar, 2017 intqal hekk:

> "*The corresponding maintenance department confirmed that it was necessary to repair damages caused on the undercarriage. As per repair report:*
>
> *Undercarriage Damage: silencer, fuel hoses damaged due to being hit with unknown objects*
>
> *Mechanical repairs: change of silencer piper and elbow and change of fuel return hose and clips*"[42]

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan l-*email* hija ammissjoni tacita minn naha tal-konvenuti illi l-hsara fil-*bumper* tal-vettura li giet indikata fil-*Vehicle Condition Report* fir-realtà ma kinitx tezisti. Dan ikompli jikkorrobora t-tezi ta' l-attur illi l-hsarat li gew inikati fil-*Vehicle Condition Report* huma inveritieri u gew indikati minghajr ma saret spezzjoni adegwata u sobrija tal-vettura, kemm meta din ittiehdet mill-attur meta wasal Malta u kif ukoll meta giet irritornata lura minnu fit-tmiem tal-btala tieghu fil-pajjiz.

Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal jirrizulta illi l-konvenuti naqsu mill-obbligu kemm kontrattwali (bhala kontraenti) u kif ukoll statutorji (*qua* kummercjanti vis-a-vis konsumatur), fir-relazzjoni taghhom ma' l-attur, u kif ukoll li jagixxu in bona fidi mieghu, peress illi hadu minghand l-attur is-somma ta' €1,522.20c minghajr raguni valida fil-ligi, b'dannu ghall-istess attur. Ghaldaqstant it-talba tal-attur ghar-rifuzjoni tas-somma €1,522.20c ghandha tigi akkolta.

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attrici stante li l-mertu taghha gie ezawrit b'din is-sentenza, jilqa' t-tieni u t-tielet talba u konsegwentement:

[42] Ara kopja ta' din l-*email* immarkata bhala 'Dok JK6' u ezibita *a fol.* 35

**i.** Jiddikjara li l-agir tal-konvenuti kien bi ksur ta' l-obbligi kuntrattwali u statutorji taghhom;

**ii.** Jordna lill-konvenuti *in solidum* jirrifondu l-ammont ta' elf, hames mija u tnejn u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmi (€1,522.20c), bl-imghax dekoribbli mid-data tan-notifika tal-Avviz tat-Talba (cioè mit-28 ta' Frar, 2017[43]) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

Kwasiasi spejjez marbuta ma' dawn il-proceduri,[44] b'ordni tat-Tribunal, ghandhom jithallsu interament u esklussivament mill-konvenuti *in solidum* bejniethom.

Finalment, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata u notifikata lill-partijiet (jew id-difensuri taghhom) skond dak previst fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) numru 861 ta' l-2007.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[43] Ara *a tergo* ta' *fol*. 41.
[44] *vide* Sezzjoni 7.3.3. ta' Formola A (*a fol*. 6).